# Fis-7 ta' Mejju, 1941

*(Sunett-Talba)*

Ħniena, Mulejja, minn di' l-gżira tagħna,
Li Pawlu dawwal bil-Vanġelju tiegħek:
Ħniena mill-knejjes fejn Int tgħammar magħna,
Fejn bosta qlub safjin jitħaddnu miegħek.

Kollox ħerba madwarna, iddew! ismagħna:
Tħallix lill-Għadu li kull jedd imiegħek
Jiddieħek bik għax għandu id setgħana:
Urih, urih, Mulej, kemm jiflaħ driegħek.

Aħna nafu, Missier, li birdet qalbna
U ħsiebna ntilef wara ġid għaddieni
U minn xofftejna biss jasallek talbna.

Iżd'Int, Alla ħanin, taf kemm hi fqira,
Il-fehma ta' min jaħseb li hu hieni:
Aħfer, Missier, u ħares lil di' l-gżira.

DUN KARM